MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Numru 322/2009

**Il-Pulizija**
**Sp Angelo Gafa'**
**vs**
**Martin Camilleri**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Martin Camilleri ta' 55 sena iben Louis u Theresa nee' Holyer mwieled Valeltta fl-20 ta' Marzu 1954 u residenti Ent 42 Flat 2 Triq il-Kundizzjoni Msida, ID 246379 (M).**

**Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-4 ta' Frar 2009 u fil-jiem ta' qabel b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijeit tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-**

**ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' 300 Euro ghad-dannu ta' Father Lucian Borg u l-Ordni Agostinjana f'Malta.**

**Ukoll talil sar ricediv a terminu ta' l-Artikolu 49 et seq tal-Kodici Kriminali b'zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati 17 ta' April 2007 u 14 ta' Frar 2008.**

**Rat l-atti kollha tal-process. Rat l-ammissjoni ta' l-imputat fi stadju bikri, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata hin xieraq biex jahsibha. Ghal daqstant dawn iz-zewg imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi. Rat ukoll il-mahfra mill-allegat defrodat.**

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49 u 50, 18, 308 u 309 u 310 (1B) tal-kap 9 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh izda flok tikkundannah qed tpoggieh that il-harsien ta' Probation Officer ghal perjod ta' tliet snin millum. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 7 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem semplici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------